MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 86/2009/1

**Moira Mizzi**

**v.**

**Hasan Salou Bachar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet l-attrici fil-11 ta' Marzu 2009 li jaqra hekk:
"Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg civili fl-14 ta' Ottubru 2003, u z-zwieg igib in-numru 1925/2003 fir-Registru Taz-Zwigijiet (Dok. A);

“Illi l-kunsens tal-kontendenti inkiseb b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

“Illi l-kontendenti qatt ma ghexu flimkien bhala koppja mizzewga, u z-zwieg taghhom qatt ma gie kkonsmat bejniethom; anzi l-attrici f’dak iz-zmien kellha, u ghad ghandha, relazzjoni intima ma’ persuna ohra;

“Illi l-partijiet, ghalkemm mhux interdetti jew morda b’mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

“Illi ghaldaqstant, iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u minghajr effett;

“Ghalhekk l-attrici titlob bil-qima lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha gentilment tiddikjara z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar l-14 ta’ Ottubru 2003, null ghall-fini u l-effetti kollha tal-Ligi a tenur tal-Artikolu 19 (f) u (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata li ressaq il-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda fl-interezza taghhom in kwantu z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti ccelebrat fl-14 ta’ Ottubru 2003, m’huwiex null fit-termini tal-ligi;

“Illi kuntrarjament ghal dak indikat f’paragrafu tlieta tar-rikors guramentat, il-partijiet fil-fatt ghexu flimkien u kkonsmaw iz-zwieg wara li gie ccelebrat iz-zwieg;

“Salvi eccezzjonijiet ohrajn permessi mil-ligi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-15 ta’ Marzu, 2011 li in forza taghha:

“Tilqa’ t-talba tal-attrici u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-14 ta’ Ottubru 2003, huwa null u bla effett.

“L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza zzewgu meta l-attrici kienet ghaddejja minn zmien difficli f’hajjitha. Kienet f’qaghda finanzjarja prekarja u hasbet li s-sitwazzjoni setghet tirrendilha finanzjarjament. Il-konvenut kien barrani li ma kellux jedd jghix Malta. Il-partijiet qatt ma ghexu taht l-istess saqaf. Anzi, l-attrici baghet ghaddejja bir-relazzjoni taghha ma’ haddiehor. Hadd mill-familjari taghha ma kien jaf b’dan iz-zwieg.

“L-attrici fl-affidavit taghha tghid hekk:

1. *“Jiena zzewwigt lil Hasan Salou Bachar fl-14 ta’ Ottubru 2003, fi zmien meta kont ghaddejja minn perjodu difficli.*

2. *“Jien ghandi tifla, Danika, li dak iz-zmien kellha sittax-il sena u kont qed niggieled biex inlahhaq mal-ispejjez tal-hajja. Sirt naf li kien hemm dan il-bniedem Hasan u accettajt li nizzewgu. Dan fost l-affarijiet l-ohrajn forsi biex nigi f’posti finanzjarjament.*

3. *“Kont ghadni kif naghlaq in-negozju tieghi u kelli xi diffikultajiet finanzjarji. Dak iz-zmien kelli dejn ta’ erbatax-il elf Lira Maltin lil diversi suppliers u biex nohrog ta’ mara ma’ kulhadd kelli nbiegh il-karozza, li sal-lum ghadni ma stajtx nakkwista ohra, kellu jaghmilli tajjeb ghall-flus haddiehor mal-bank biex hallast lid-distributuri tal-merkanzija u dhul kelli mija u hamsin Lira Maltija beneficcji socjali, li minnhom kont inhallas mija u ghoxrin Lira Maltin bhala repayments lill-Bank, u ghalhekk kelli bzonn xi haga zejda tal-flus biex inkun nista’ nghix u nghajjex lil binti. Nghid ghalhekk illi jien u Hasan Salou Bachar, it-tnejn eskludejna mill-kunsens taghna l-hajja*

*konjugali, jigifieri l-hajja flimkien bhala mizzewgin u dak kollu li jirrikjedi z-zwieg ghar-ragunijiet li gejjin.*

4. *"Nghid illi huwa qatt ma resaq lejn id-dar fejn nghix, u ahna qatt ma ghixna flimkien bhala koppja mizzewga. Ghandi nghid li ezattament wara li kkuntrattajna z-zwieg, huwa qabad u telaq ghal rasu, u kien ghamilha cara li kien bi hsiebu biss li jkun jista' jghix f'Malta liberament. Iz-zwieg taghna qatt ma gie kkonsmat, u qatt ma kellna relazzjoni ta' mizzewgin bejnietna.*

5. *"Jiena ili f'relazzjoni intima ma' persuna ohra tul dawn l-ahhar erbatax-il sena, u jien kont ma' din il-persuna, jigifieri Ferdinand Grech, ukoll fiz-zmien li kkuntrattajt dan iz-zwieg. Din il-persuna ghadni maghha sad-data tal-lum. Ghaldaqstant ma kelli ebda hsieb ta' fedelta' lejn Hasan minhabba li kont u ghadni nhobb lil Ferdinand.*

6. *"Jiena lil binti Danika u lill-familja tieghi qatt ma ghidtilhom b'dan iz-zwieg. Ma rrid naghti qatt ezempju hazin lil Danika. L-unici li jafu b'dan l-att huma x-xhieda tieghi. Iz-zwieg tieghi ma kienx ta' celebrazzjoni ghaliex jien mhux verament ridt nizzewweg lil Hasan u nghix ta' mara mizzewga mieghu. Kull ma ridt naghmel huwa li nipprovdi ghal binti.*"

"Ferdinand Grech, ir-ragel li l-attrici ghandha relazzjoni mieghu, jghid hekk:

1. *"Jiena ili f'relazzjoni ma' Moira Mizzi ghal perjodu ta' aktar minn ghaxar snin;*

2. *"Jiena naf li kienet ikkuntrattat zwieg xi zmien ilu, izda sa fejn naf jiena, qatt ma kellha lil xi hadd jghix maghha fid-dar matrimonjali, jew inkella d-dar fejn kienet tghix hi, hlief uliedha; jiena kont u ghadni niffrekwenta hafna lil Moira Mizzi u nista' nghid illi qatt ma rajthom fil-prezenza ta' xulxin;*

3. *"Niddikjara ukoll li din il-persuna (li zzewgitu Moira Mizzi) qatt ma rajtha b'ghajnejja;*

4. *"Jien nista' nghid li kont immur spiss ghand Moira Mizzi u qatt ma nista' nghid li rajt xi evidenza li hemm kien jghix xi ragel maghha; dana nghidu ghaliex kont norqod il-weekend nghix ghandha u kelli access ghad-dar kollha; ma kien hemm ebda affarijiet personali li jappartjenu ghal xi ragel hlief dawk tieghi*;

5. *"Moira Mizzi kienet ikkuntrattat dan iz-zwieg fi zmien li ghaliha kien difficli finanzjarjament;*

6. *"Ir-relazzjoni ta' bejnietna qatt ma kienet waqfet, anzi kompliet fiz-zmien meta zzewget u ghadna flimkien sal-lum.*"

"Fil-materja ta' zwieg ta' konvenjenza, dawn il-Qrati dejjem irritenew illi tkun mankanti tassew l-intenzjoni ta' zwieg bhala komunjoni dejjiema ta' hajja u imhabba. Ghalhekk, il-Qorti tqis li zwieg ta' konvenjenza huwa null a tenur tal-Art. 19 (1)(f) tal-Kap. 255."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi talab illi din il-Qorti joghgobha:
"… …thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) presjeduta mill-Onor. Imhallef A. Felice fil-15 ta' Marzu 2011 u konsegwentement prevja akkoljiment tal-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha."

Rat ir-risposta tal-appell tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, titlob illi din il-Qorti joghgobha:
"… … tichad dan l-appell bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi a karigu tal-appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti injorat ghal kollox l-affidavit tieghu, tant li ma hemmx accenn ghall-istess fid-decizjoni moghtija, minn fejn skont huwa jirrizulta li l-partijiet wara z-zwieg ghexu flimkien, u z-zwieg gie kkonsmat u l-attrici marret tghix mieghu f'Birzebbuga.

M'hemmx dubju li dan huwa appell fuq apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u f'dan il-kuntest il-prassi hija li l-Qorti tal-Appell mhux normali li tiddisturba l-apprezzament ta' fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief f'kazijiet eccezzjonali meta jkun hemm zball manifest li jkun ippregudika serjament lill-parti (**"Joseph Grech Sant nomine v. l-Avukat Dr. Richard Farrugia nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997); **"Paul Simpson nomine v. Michael Agius proprio et nomine"** (A.I.C. – 22 ta' Marzu 1995); **Carmelo Agius v. John Agius"** (A.I.C. – 2 ta' Dicembru 1994).

Illi dan huwa konformi ma' dak li sostniet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet
**"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited v. AX Construction Limited"** (A.C. - 4 ta' Lulju 2008) fejn gie affermat li:-

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi mill-provi processwali jirrizulta car u b'mod inkonfuttabbli li dan kien zwieg ta' konvenjenza fejn il-partijiet izzewwgu civilment fl-14 ta' Ottubru 2003 izda qatt ma ghexu flimkien u tant li z-zwieg lanqas qatt ma gie kkonsmat.

Jidher li l-attrici ghamlet dan il-pass sabiex l-appellanti jghinha fil-hajja finanzjarja taghha, li kienet fi stat prekarju, u wkoll jghinha tipprovdi ghal bintha, u dan ghalkemm hija

kienet qed tghix u kellha relazzjoni ma’ Ferdinand Grech li ghadha hekk sallum.

Fil-fatt hija qatt ma qalet lil hadd b’dan iz-zwieg, lanqas lill bintha Danik u lill-familja taghha u dan huwa kkoroborat mix-xhieda tal-istess Ferdinand Grech (li jikkoabita mal-attrici – fol. 22) u mix-xhieda ta’ Ruby Attard (fol. 20) u Joanne Kik (fol. 21), l-ahhar zewg xhieda msemmija persuni li kienu jghixu vicin fejn tghix l-attrici/appellata, u dawn kollha kkonfermaw li qatt ma raw lill-konvenut u wisq inqas lill-attrici fir-residenza taghha.

Illi ma hemmx dubju li l-ewwel Qorti ma emmnitx il-verzjoni tal-konvenut, kemm ghaliex kontradetta mix-xhieda hawn indikata, u kif ukoll ghaliex il-kontenut tal-affidavit tieghu ma’ huwiex kredibbli u wisq inqas ikkorroborat b’xi mod.

Fil-fatt jghid li huwa ma kien jaf lil hadd Malta u allura ma setax irressaq xhieda ta’ dak li kien qed jallega, izda fil-lista ta’ xhieda huwa indika diversi persuni li l-ebda wahda minnhom ma ressaq bhala xhud.

Mhux hekk biss izda jinghad ukoll li l-konvenut appellant la ghamel kontro-ezami tal-attrici u tax-xhieda taghha, la insista li l-attrici tipprovdi l-karta tal-identita` taghha li huwa allega li kienet qalbet ghal fuq indirizz tieghu f’Birzebbuga fejn huwa allega li hija kienet tghix mieghu, jew almenu ressaq bhala prova jew xhud xi awtorita` sabiex tikkonferma dak li huwa kien qed isostni f’dan ir-rigward.

Illi fl-affadavit tieghu huwa jghid li ghex mal-attrici izda mbaghad isostni li fil-ghaxija l-attrici kienet tmur lejn darha, u allura ma jistax jinghad li l-attrici kienet tabita mal-konvenut. Mhux hekk biss, izda fl-appell tieghu jghid li “ghexu flimkien ghal kwazi sena”, izda l-ittra tal-15 ta’ Gunju 2004 (Dok. “B” – fol. 5) mibghuta minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni tghid li kien ilu separat de facto gia` sitt xhur u jindika l-indirizz tal-attrici bhala wiehed fin-Naxxar, u tieghu f’Birzebbuga.

Certament li dan irendi l-verzjoni tal-konvenut mhux biss inverosimili, izda wkoll kontradittorja u addirittura mhux wahda kredibbli, u kien ghalhekk li l-ewwel Qorti ma emmnitx il-versjoni tal-konvenut, minkejja li hemm indikat fl-istess decizjoni li hija rat l-affidavits kollha prodotti, u allura anke dak tal-konvenut.

B’hekk l-appell qed jigi michud ghaliex huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellanti u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Hasan Salou Bachar

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------